MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru. 510/2007

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Il-Pulizija
(spettur Joseph Agius)
vs
Jesmond Azzopardi (ID173971M)

Illum 14 ta' Gunju 2007

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra Jesmond Azzopardi, u dan talli f'dawn l-ahhar xhur:

1. B’diversi atti ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ingurja u diversi drabi hedded bil-mewt lil martu Sonia Azzopardi bil-kliem “noqtlok u nisraqlek it-tifla u nahraq id-dar matrimonjali”.
2. Fit-30 ta’ Mejju 2007 ghamel l-istess theddid lil Joanne Buhagiar Fiott, is-service leader fil-Qrati ta’ Malta f’isem l-agenzija Appogg u lil Head Mistress tal-iskola Carlo Diacono taz-Zejtun Miss Ciappara fejn hedded fuq il-mezzi ta’ komunikazzjoni li darba jew ohra ser joqtol lil martu Sonia Azzopardi.
3. Fis-7 ta’ Gunju 2007 u f’okkazzjonijiet differenti fix-xhur ta’ qabel, uza network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronici jew inkella uzah b’mod mhux kif imiss.
4. Fis-7 ta’ Gunju 2007 ingurja jew hedded lil WPC 176 Justine Grech, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li ghamlet, jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz provdut minn provditur jew awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall uzu sew tas-sistema, jew apparat tat-telekomunikazzjoni, jew taghmir, jew ghamel uzu mhux sew minnu;
5. Fl-istess perjodu f’okkazzjoni differenti, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen;
6. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;
7. Sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fosthom tal-20 ta’ Settembru 2006 u kiser garanzija personali imposta fuqu ta’ LM100.00 mill-Magistrat Dr J. Padovani Grima LLD u ohra tat-28 ta’ Marzu 2007 fejn gie ukoll marbut b’garanzija personali ta’ LM100.00 imposta fuqu mill-Magistrat Dr S. Demicoli.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi torbot lill-akkuzat b'obligaz-zjoni tieghu nnifisu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti, u dan ghas-sigurta ta' Sonia Azzopardi jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u semghet lill-akkuzat jaghti l-kunsens tieghu biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 u li fiha giet irtirata l-akkuza ta' ricediva u ksur ta' garanzija skond kif specifikata fl-istess verbal;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi kollha rimanenti;

Ghalhekk issib ill-akkuzat hati talli f'dawn l-ahhar xhur:
1. B'diversi atti ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ingurja u diversi drabi hedded bil-mewt lil martu Sonia Azzopardi bil-kliem "noqtlok u nisraqlek it-tifla u nahraq id-dar matrimonjali".
2. Fit-30 ta' Mejju 2007 ghamel l-istess theddid lil Joanne Buhagiar Fiott, is-service leader fil-Qrati ta' Malta f'isem l-agenzija Appogg u lil Head Mistress tal-iskola Carlo Diacono taz-Zejtun Miss Ciappara fejn hedded fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni li darba jew ohra ser joqtol lil martu Sonia Azzopardi.
3. Fis-7 ta' Gunju 2007 u f'okkazzjonijiet differenti fix-xhur ta' qabel, uza network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.
4. Fis-7 ta' Gunju 2007 ingurja jew hedded lil WPC 176 Justine Grech, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li ghamlet, jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz provdut minn provditur jew awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur

awtorizzat ghall uzu sew tas-sistema, jew apparat tat-telekomunikazzjoni, jew taghmir, jew ghamel uzu mhux sew minnu;
5. Fl-istess perjodu f'okkazzjoni differenti, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen;
6. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

Rat l-artikoli 18, 339 (e), 338 (bb), u (e), u 95 (1) tal-Kodici Kriminali kif ukioll l-artikoli 35 (1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

In rigward il-piena, wara li l-Qorti kkunsidrat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi kif premess fi stadju bikri tal-proceduri;

Li l-akkuzat ghandu fedina penali bl-ebda mod ezemplari f'dak li jirrigwarda ir-relazzjonijiet tieghu u martu Sonia, b'incidenti li bdew mill-1995 u li l-istes akkuzat diga uzufruwixxa diversi drabi mill-beneficcju ta' 'probations';

Thoss li, in rigward ir-reati ammessi minnu, li huma reati kontinwati, u b'hekk soggetti ghal prigunerija, ghandha timponi piena ta' prigunerija komplessiva ghall-akkuzi taht il-Kodici Kriminali.
Pero Hi tara wkoll li din il-piena ma ghandhiex tkun effettiva mal-ewwel izda jigu applikati l-artikoli 28A u 28(G) tal-Kodici Kriminali stante li, jekk tkun effettiva mal-ewwel, ikun fil-konvinzjoni ta' din il-Qorti, kontro producenti.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat il-precitati artikoli, in rigward l-akkuzat taht il-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-akkuzat ghal-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghall-perjodu ta' sentejn bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor soggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta' sentejn.

In oltre tordna wkoll il-hrug tal-annessa ordni ta' supervizjoni li ghandha ttifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

In oltre, in rigward ir-rimanenti akkuzi, taht il-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-akkuzat LM100.00 multa.

Il-Qorti spjegat il-kontenut ta' din is-sentenza lill-akkuzat.

Joelle Camilleri
Deputat Registratur

Veru Kopja Ghar-Registratur

Qorti tal-Magistrati (Malta)
(BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI)
MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LLD

IL-PULIZIJA
(Spettur Joseph Agius)
Vs
Jesmond Azzopardi

ORDNI TA' SUPERVIZZJONI
(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G(1)
TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Seduta tallum 18 ta' Gunju 2007.

IL-QORTI

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, l-imsemmi Jesmond Azzopardi gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur sospiza ghal sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lill imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond lis-sub artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446, u nnutat li l-istess probationer wera li jrid ihares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

TORDNA li l-imsemmi Jesmond Azzopardi ta' 36 il-sena iben Josephine Azzopardi, imwieled Pieta, fil-11 ta' April 1971 u residenti 21 flat 1 Triq l-Gharrar 1979 Qormi, Detentur tal-karta tal-Identita numru 173971M, jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' sentejn millum taht dawn il-htigijiet;

1. Li matul dan il-perjodu ta' sentejn l-imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, u jghaddi hajja ta' bzulija, u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Li hu ghandu jibqa jzomm ruhu f'kuntatt kontinwu mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi, li jinghata, minn zmien ghall-iehor, u partikolarment huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-probation ikun hekk irid, jircievi zjara tal-istess ufficjal tal-probation fid-dar tieghu;
3. Li hu ghandu jgharraf minnufih lil-ufficjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu;
4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur mid-data u hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer;

Tordna li kopja ta' din l-ordni tinghata lil hati, lid- Direttur inkarigat mill-ufficju tal-Probation Services kif ukoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond is-sub artikolu 7(8) tal-kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghanu jirraporta fi zmien xahar, dwar l-andament ta' Jesmond Azzopardi personalment lill-istess Magistrat.

(ft) Jesmond Azzopardi  ID173971M

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------